MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2007

Appell Kriminali Numru. 46/2006

Il-Pulizija
Vs

George Barbaro Sant

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, talli fil-31 ta' Lulju, 2002, fil-kwalita' tieghu ta' direttur ta' Alberta Fire Fighting & Security Equipment Co. Ltd (C6606), ta' 377 Fleur de Lys Road, B'Kara, meta hu temm il-kuntratt definit ta' l-ex impjegat Stefan Carbonaro, liema kuntratt kellu jiskadi fil-31 ta' Lulju 2003, naqas li jikkumpensah ghal dan il-ksur tal-kuntratt fl-ammont ta' LM2530.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta' Frar, 2006, li biha, wara li rat l-Artikoli 34(12) u 41(31) (Sic!), sabet lill-appellant

hati w ikkundannatu jhallas is-somma ta' elfejn hames mija w tletin lira Maltin (LM2530) fi zmien sitt xhur lill-ex impjegat tieghu Stefan Carbonaro w ikkundannatu jhallas hames liri Maltin (LM5) multa.

Rat is-sentenza taghha tal-11 ta' Mejju, 2006, li biha annullat l-imsemmija sentenza w, biex ma tipprivax lill-prtijiet mill-beneficcju tad=doppio esame,kienet irrinvijat l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali sabiex l-appellant jerga' jitpogga fil-pozizzjoni li kien immedjetament qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata u biex terga' tinghata sentenza mill-gdid skond il-ligi.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-6 ta' Gunju, 2007, li biha, wara li rat l-Artikoli 34(l1) u 41(4) (e) tal-Kap.135, sabet lill-appellant hati w ikkundannatu jhallas is-somma ta' elfejn hames mija w tletin lira Maltin (LM2530) fi zmien tlitt xhur lill-ex impjegat tieghu Stefan Carbonaro w ikkundannatu jhallas hames liri Maltin (LM5) multa.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fid-19 ta' Gunju, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza parzjali tat-28 ta' Marzu, 2007in kwantu cahdet l-eccezzjoni tal-inkompetenza tal-istess Qorti u tiddikjara w teddeciedi li l-ewwel Qorti ma kienetx il-korp gudizzjarju kompetenti sabiex tiddeciedi l-kwistjoni u, fin-nuqqas, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata tas-6 ta' Gunju, 2007, billi ssib lill-appellant mhux hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu w tilliberah minn kull htija w imputazzjoni kontra tieghu.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe':- li l-art. 28 tal-Kap.266 jipprovdi ghall-gurisdizzjoni esklussiva tat-Tribunal Industriali f' kawzi dwar tkeccija ngusta ta' haddiem u r-rimedju ta' haddiem hekk imkecci ghall-ksur tad-dritt tieghu ikun biss billi l-ilment tieghu jintbaghat lit-Tribunal Industriali w mhux xort' ohra. Ghalhekk il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta'

Gudikatura Kriminali ma kienetx il-Qorti kompetenti sabiex tiddeciedi jekk Carbonaro tkecciex ingustament jew le, kif fil-fatt ghamlet u fuq bazi ta' liema determinazzjoni, sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontrieh. Fit-tieni lok l-aggravju hu li fic-citazzjoni datata 10 ta' Lulju, 2003, il-Prosekuzzjoni naqset milli tindika l-artikoli specifici tal-ligi in sostenn tal-akkuza. Kien biss fis-16 ta' Jannar, 2007, li l-Prosekuzzjoni indikat ghall-ewwel darba l-ligi bhala kapitolu 452 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-sentenza parzjali tat-28 ta' Marzu, 2007, l-Ewwel Qorti ddikjarat li l-ligi applikabbli ghall-kaz kienet il-Kapitolu 135 u inoltre s-sejbnien ta' htija fis-sentenza finali tas-6 ta' Gunju, 2007, kienet ibbazata fuq il-Kapitolu 135 u mhux kif mitlub mill-Prosekuzzjoni. Illi f' ebda mument ma saret xi korrezzjoni w ghalhekk il-kawza giet deciza a bazi ta' legislazzjoni diversa minn dik li fuqha harget l-akkuza. Fit-tielet lok l-appellant, li kien jokkupa l-kariga ta' direttur tal-kumpanija Alberta Fire Fighting & Security Equipment Ltd., ma kienx involut fit-tkeccija tal-ex-impjegat tas-socjeta' stante li dan il-kompitu kien delegat lil terzi.  Hu ma jkollu ebda sehem fl-ingagg u fit-tkeccija tal-impjegati. Dan kien il-kompitu ta' Elizabeth Caruana, li xehdet fit-tul f' ' dan il-kaz, u ghalhekk l-osservazzjoni tal-Ewwel Qorti : *"li jekk haddiehor ha decizjoni biex itemm l-impieg, id-difiza messha tellghetu jixhed"*, ma kienetx korretta. Din xehdet li Carbonaro kien inghata tlitt *warnings* u hu kien jaf li ma kienx qed jaqdi dmiru kif mistenni. Gew esebiti tnejn minn dawn il-*warnings.* Li ghalhekk, ai termini tal-Art. 42 tal-Kap. 35, l-appellant qatt ma seta' jinstab hati ta' l-akkuza migjuba kontrieh stante illi r-reat ma sarx bit-taghrif tieghu w giet ezercitata d-diligenza kollha xierqa tieghu biex jimpedixxi l-eghmil tar-reat.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Rat li fl-udjenza tal-20 ta' Settembru, 2007, l-abbli avukat difensur, Dottoressa Katia Mercieca lejalment iddikjarat li, in vista tas-sentenza recenti ta' din il-Qorti diversament preseduta fil-kawza **"Il-Pulizija vs. Joseph Tabone"** deciza fl-14 ta' Settembru, 2007 dwar il-mertu tal-ewwel

aggravju tal-appellant dwar l-inkompetenza ta' Qorti tal-Magistrati, li l-appellant kien qed jirtira dan l-aggravju u jzomm ferm l-aggravji l-ohra tieghu.

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi kif lejalment ikkoncediet l-Avukat tad-difiza, Dottoressa Mercieca, il-mertu tal-ewwel aggravju gie trattat *funditus* fis-sentenza recenti ta' din il-Qorti preseduta mis-Sinjorija Tieghu il-Prim' Imhallef Dr. V. De Gaetano, fl-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Joseph Tabone"** [14.9.2007] u cioe' wara li kien gie intavolat l-appell odjern. F' din is-sentenza illum ghalhekk inghata pronunzjament awtorevoli li l-Qrati ta' Gurisdizzjoni Kriminali ghad ghandhom kompetenza li jaggudikaw dwar ir-reati li johorgu mill-ligi dwar l-impiegi, anki fejn il-vertenza tkun tinvolvi t-tkeccija tal-impjegat. Dan ghaliex l-artikolu 75(1) tal-Kap 452 li gie fis-sehh fit-2 ta' Dicembru, 2002 minnflok il-Kap.135 li kien jirregola l-materja qabel, jghid car u tond li l-eskluzivita' tat-Tribunal Industriali ma tapplikax fir-rigward ta' proceduri dwar reati kontra xi ligi w allura anke meta r-reat johrog mill-istess Kap.452, u li l-eskluzivita' hija ghall-finijiet ta' proceduri "civili" ossia mhux ta' natura penali, kif del resto jemergi mill-istess kazistika citata mill-abbli difensur fir-rikors tal-appell li kollha tirigwarda kawzi civili jew kummercjali.

In vista' ta' din id-dikjarazzjoni , din il-Qorti m'ghandhiex ghalhekk ghalfejn tikkonsidra ulterjorment dan l-ewwel aggravju tal-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi dwar it-tieni aggravju, ghalkemm hu minnu li l-komparixxi ma ssemmiex l-artikolu jew artikoli tal-ligi li ghab-bazi taghhom saret l-akkuza w inspjegabbilment l-ahhar paragrafu jibda billi jghid: "U dan ai termini tal-Artikoli…" u ma jkomplix, jigi rilevat u sottlineat li l-prosekuzzjoni mhix obbligata li fic-citazzjoni tindika l-artikolu jew artikoli tal-ligi li tkun qed takkuza lill-akkuzat bi

ksur taghhom. Illi kif gie ritenut ripetutament minn din il-Qorti, skond l-artikolu 360 (2) tal-Kodici Kriminali, ic-citazzjoni ghandha ssemmi car il-persuna mharrka, u ghandu jkun fiha, fil-qosor, il-fatti tal-akkuza, bil-partikolaritajiet ta’ zmien u ta’ lok li jkunu jinhtiegu jew li jkunu jistghu jinghataw. (App.Krim. **“Il-Pulizija vs. Martin Brincat”** [30.4.2003]. L-importanti hu li "*l-appellant , bhala imputat quddiem l-Ewwel Qorti , kien jaf perfettament tajjeb ghal ksur ta’ liema obbligazzjoni kienet qed tirriferi l-prosekuzzjoni fl-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u ghalhekk lanqas kien hemm lok ta’ xi korrezzjoni tac-citazzjoni da parti tal-Ewwel Qorti .”* (ara App. Krim**. "Il-Pulizija vs. Joseph Caruana"** [7.12.2006} u ohrajn)

Ghalhekk il-ligi li tahtha ssir l-akkuza mhix wahda mir-rekwiziti ta' x' ghandu jkun fiha c-citazzjoni w il-fatt li fic-citazzjoni odjerna il-Pulizija ma indikat ebda ligi partikolari li tahtha kellha tinstab htija mhix xi mankanza jew difett procedurali li jista' jirreka xi beneficcju procedurali ghall-appellant f' dan il-kaz. L-appellant kien jaf ben tajjeb ta' x'hiex kien qed jigi akkuzat u kien fi grad li jiddefendi ruhu dwar din l-akkuza, kif fil-fatt ghamel.

Umbaghad il-fatt li fin-nota taghha quddiem l-Ewwel Qorti, il-Prosekuzzjoni invokat l-applikazzjoni tal-artikoli 36(11) u 44 (1) tal-Kap. 452, ma kienx per se jorbot idejn l-Ewwel Qorti li ma ssibx htija taht xi ligi ohra, ghaliex tali nota hija biss nota ta' sottomissjonijiet u xejn aktar.

Issa bhala fatt il-Kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta cioe' l-Att XXII tas-sena 2002, Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industriali, Att biex jikkonsolida b' emendi l-Att li Jirregola l-Kondizzjonijiet ta' l-Impieg (Kap.135) u l-Att Dwar ir-Relazzjonijiet Industriali (Kap.266) u li dahal fis-sehh bl-Avvizi Legali tal-25 t' Ottubru, 2002, 362 tat-2 ta' Dicembru, 2002 u 425 tas-27 ta' Dicembru, 2002, dahal in vigore qabel ma  kienet inharget ic-citazzjoni odjerna izda wara d-data tal-kommissjoni tal-allegat reat. Isegwi li fid-data tal-kommissjoni tar-reat mertu tal-kawza kienu applikabbli d-dispozizzjonijiet tal-Kap.135 u dawk tal-Kap.266. Dawn id-dispozizzjonijiet gew abrogati w inkorporati fil-ligi l-gdida cioe' l-Kap.452. Hekk l-artikolu 34

(11) tal-Kap. 135 jinsab riprodott fl-artikolu 36(11) tal-Kap. 452 u l-artikolu 41 (4) (e) tal-Kap 135 jinsab, fis-sustanza, riprodott b' xi tibdil fl-art. 45 (2) (d) tal-istess Kap.452.

Illi l-Ewwel Qorti, fis-sentenza appellata, minkejja l-indikazzjoni tal-ligi li saret mill-Prosekuzzjoni fin-nota taghha fuq msemmija, sabet htija wara li rat l-artikoli 34(11) u 41 (4) (e) tal-Kap.135.

Ikkonsidrat;

Li skond l-artikolu 12 tal-Kap. 249 , l-Att dwar l-Interpretazzjoni, meta xi Att mghoddi wara l-bidu fis-sehh ta' l-Kap.249, ihassar xi ligi ohra, kemm il-darba ma jidhirx hsieb kuntrarju, t-thassir m' ghandux jolqot kull stharrig, procedimenti legali jew rimedju dwar xi dritt, privilegg, obbligazzjoni, responsabbilta', penali ,konfiska jew piena li wiehed seta' jehel dwar xi reat li jkun sar kontra xi ligi hekk imhassra. Ghalhekk l-Ewwel Qorti, kienet korretta meta, fis-sentenza appellata, applikkat id-dispozizzjonijiet tal-Kap.135 fuq imsemmija u mhux dawk identici jew simili tal-Kap.452.

Konsegwentement it-tieni aggravju tal-appellant qed jigi michud ghaliex l-Ewwel Qorti kienet korretta meta ttrattat il-kaz bhala ksur tad-dispozizzjonijiet tal-Kap.135 li kienet il-ligi *in vigore* meta sehh l-allegat reat.

Illi ghar-rigward it-tielet aggravju tal-appellant li ma kienx hu li ha d-decizjoni illi jkecci lill-impjegat Carbonaro u li hu ma kienx jaf wisq dwar dan il-kaz u li kien fil-fatt iddelega dan il-kompitu lil terzi, u li hu ma jkollu ebda sehem fl-ingagg u t-tkeccija tal-impjegati ghax hu kien jidderigi aspetti differenti tal-kumpanija Albert Fire and Security Equipment Limited, b' mod partikolari n-negozju tal-kumpanija barra minn Malta, kif ukoll li hu ma kellu ebda sehem fit-tkeccija ta' dan l-impjegat stante li dan il-kompitu kien jispetta lid-Direttur l-iehor Elizabeth Caruana, jigi osservat li l-artikolu 42 tal-Kap. 135 (allura applikabbli kif gja intqal) kien jiddisponi li meta reat kontra d-dispozizzjonijiet ta' dak l-Att isir minn socjeta', kumpanija, ghaqda, jew korp iehor ta' persuni, kull persuna li fiz-

zmien li jkun sar ir-reat, kienet direttur …. ta' dik is-socjeta' kumpanija… tkun hatja ta' dak ir-reat, jekk ma tippruvax li r-reat sar minghajr it-taghrif taghha w li kienet ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex timpedixxi l-eghmil tar-reat.

Dispozizzjoni identika tinsab ukoll l-artikolu 46 tal-Kap.452 .

Inoltre l-artikolu 13 tal-Interpretation Act (Kap.249) li fl-artikolu 13 jghid testwalment hekk :-

*“Meta xi reat taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f’ xi Att, li jkun ghadda sew qabel jew wara dan l-Att , isir minn korp jew ghaqda ta’ persuni sew jekk tkun persuna guridika jew le, kull persuna li , fil-hin tal-eghmil tar-reat, kienet direttur, manager, segretarju jew ufficjal iehor simili tal-korp jew ghaqda, jew kienet tidher li qed tagixxi f’dik il-kariga, tkun hatja ta’ dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif taghha u li tkun ezercitat id-diligenza kollha xierqa biex tevita l-eghmil tar-reat."*
*“Izda, hlief dwar reati taht jew kontra xi dispozizzjoni li tinsab f’Att li fih hemm dispozizzjoni li tixbah id-dispozizzjoni ta’ dan l-artikolu, id-dispozizzjonijiet ta’ dan l-artikolu ghandhom japplikaw biss ghal reati li jkunu saru wara l-bidu fis-sehh ta’ dan l-Att.”*

Illi l-Interpretation Act kien in effetti dahal in vigore fi Frar, 1975 u l-artikolu 13 fuq citat ma jidhirx li kien gie effettwat b’xi emendi sussegwenti. Ghalhekk dan hu applikabbli ghall-kaz odjern fejn ir-reat addebitat lill-appellant jirrisalu ghall-periodu ferm sussegwenti ghall-1975. Dan ifisser li jekk il-Prosekuzzjoni tasal biex tipprova li sar reat mis-socjeta kummercjali li taghha l-appellant kien direttur fiz-zmien tal-kummissjoni tar-reati, ikun hemm prezunzjoni *“juris tantum”* tal-htija tieghu ukoll individwali, sakemm ma jippruvax, al menu sal-grad tal-probabbilita’ rikjest mill-akkuzat fi proceduri kriminali, li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu w li jkun ezercita id-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat in kwistjoni.

Illi kif jghid L.C.B. GOWER ("**Modern Company Law**" 2nd. Edit.(1957) p.138) :-

*"Recent years have seen a further development whereby the rule that the acts of directors are treated as those of the company is, in effect, applied in reverse, so that the acts of the company are treated as those of all its directors. Many modern statutes and regulations provide that if an offence is committed by a company, every director or officer shall be guilty of that offence unless he proves that it was committed without his consent and that he exercised due diligence to prevent its commission."*

Din ghalhekk taghmel il-kwistjoni wahda ta' apprezzament ta' fatt u cioe' jekk l-Ewwel Qorti kienetx korretta meta kkonkludiet li fil-fatt kien sar reat mis-socjeta' in kwistjoni u jekk iva, jekk l-appellant ippruvax, al menu sal-grad tal-probabbli, li hu ma kienx jaf bil-kommissjoni tar-reat u li kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat in kwistjoni.

Illi gie ripetutament ritenut minn din il-Qorti, li il-Qorti normalment ma tvarjax l-apprezzament tal-fatti li tkun ghamlet l-Ewwel Qorti, sakemm din il-Qorti ma tqisx li l-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti ma tkunx *"unsafe and unsatisfactory*" , u dana fis-sens li fuq il-provi li jkollha quddiema l-Ewwel Qorti w li jkunu jinsabu traskritti fil-process hi suppost li ma tkun qatt waslet ghall-konkluzzjoni ta' htija li tkun waslet ghaliha.

Ghalhekk l-ezami li ghandha taghmel din il-Qorti mhux li tara jekk taqbilx jew le mall-konkluzzjoni ta' htija raggunta mill-Ewwel Qorti, izda jekk dik il-konkluzzjoni l-Ewwel Qorti setghetx ukoll tasal ghaliha "*safely"* fuq il-provi li kellha quddiemha. Sa hawn jasal l-ezercizzju revizjonarju ta' din il-Qorti meta si tratta ta' apprezzament ta' fatti.

Ghalhekk din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi traskritti biex tara jekk l-Ewwel Qorti setghatx legalment u ragjonevollment tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija dwar l-imputazzjoni dedotta kontra l-appellant.

Ikkonsidrat;

Illi l-ewwel ezercizzju li jrid isir hu jekk giex pruvat mill-prosekuzzjoni sal-grad tac-certezza morali rikjest mill-ligi li kien sar xi reat meta intemm l-impieg ta' Stefan Carbonaro w dan anki qabel ma tigi investita l-kwistjoni tl-prezunzjoni "juris tantum"  kontra d-direttur ta' socjeta' kummercjali fuq imsemmija.

Illi hu ovvju li l-pern ta' kollox idur fuq jekk l-socjeta' li taghha l-appellant huwa direttur kellhiex raguni biex tkecci u t-temm l-impieg ta' l-impjegat Carbonaro li kullhadd jaqbel li kien impjegat ghal zmien defenit ta' tlitt snin. Illi huwa pacifiku fil-gurisprudenza in materja li t-tkeccija ghal raguni gusta hija possibbli kemm fil-kuntratt ta' servizz bi zmien indefenit kif ukoll ghall-kuntratt ta' servizz bi zmien defenit kif inhu f' dan il-kaz. Kieku ma kienx hekk, u, fil-kaz ta' kuntratt ghall-zmien defenit, l-impjegat ma jistax jitkecca ghal raguni gusta, dan ikun qed jaghti fakolta' assoluta lll-impjegat li jaghmel li jrid tul il-kors tal-*fixed period* ghax jaf li jaghmel x' jaghmel jew ma jaghmilx, ma jistax jitkecca. Invece il-kliem tal-ligi stess fl-artikolu 34 (14) jiddisponi li hemm x' hemm fid-dispozizzjonijiet l-ohra precedenti tal-istess artikolu, principal jista' jibghat impjegat …minghajr ma jaghti avviz u minghajr ebda obbligu li jaghmel hlas kif dispost fis-subartikoli (10), (11) u (12) jekk ikun hemm **raguni tajba u bizzerjjed** biex dak l-impjegat jintbaghat mis-servizz.

Din suppost li kienet l-ewwel haga li riedet tinvesti l-Ewwel Qorti. Ghalkemm fl-ewwel sentenza li giet annullata minn din il-Qorti kien hemm xi forma ta' motivazzjoni, fit-tieni sentenza li qeghda tigi illum appellata, sfortunatament ma hemm ebda motivazzjoni kwalsiasi li tista' tillumina lil din il-Qorti fuq kif l-Ewwel Qorti investiet din il-kwistjoni li hija l-qofol tal-vertenza, jekk fil-fatt ikkonsidrata.

Ghalhekk din il-Qorti kellha terga tezamina l-provi mill-gdid u minn dawn jirrizulta s-segwenti. Stefan Carbonaro kien gie impjegat mis-socjeta' Alberta Fire and Security Equipment Limited, li taghha l-appellant hu Managing Director u martu Maria Barbaro Sant u bintu Elizabeth

Caruana huma Diretturi, b' kuntratt tat-28 ta' Lulju, 2000 (Dok. PS 6 a fol. 67). Dan il-kuntratt li kien - kif jaqblu l-partijiet - ghal tlitt snin, kien jahseb ghall-paga ghaz-zmien li l-impjegat kien ser ikun taht apprendistat u paga li tizdied minn sena ghal sena - anki ghall-wara l-periodu kuntrattwali, ovvjament f' kaz li dan kellu jiggedded oltre l-periodu kuntrattwali ta' tlitt snin inizjali.

Jirrizulta li wara li ghamel madwar sena apprendist, f' Lulju, 2001, l-impjegat beda jahdem bhala impjegat *full time* u jithallas konformement. Pero' gara li fi Frar, 2002 il-p*erforance* tieghu ma kienetx qed titqies tajba mill-kumpanija u hu inghata il-*warning* li jidher esebit a fol. 66 datat 21 ta' Frar, 2001. F' dan il-*warning* ingibdet l-attenzjoni tal-impjegat li : ***"the reason for the company greivance is general incompetence and lack of commitment on your part."*** (Dok. PS 8). Jidher li l-affarijiet ma rrangawx ghax l-impjegat inghata warning iehor li pero' mhux esebit. Fil-11 ta' Lulju, 2002 umbaghad jirrizulta li Carbonaro inghata dak li gie intestat bhala "*Third Warning"* (Dok. PS 2 a fol. 64) u r-raguni li nghatat kienet identika ghal dik kontenuta fl-ewwel *warning* u hawn fuq citata. L-affarijiet baqghu sejrin hazin sakemm fit-23 ta' Lulju, 2002, l-impjegat gie infurmat bl-ittra li l-impieg tieghu kien ser jigi terminat b' effett mil-31 ta' Lulju, 2002 u dan ghaliex kif jintqal fl-ittra : "***despite the issue of three written warnings against you, you have persisted in your negative behaviour and serious failures***."

Meta xehdet **Elizabeth Caruana**, in difeza, (Fol. 22-23 u 25), din qalet li hafna mix-xoghol li kien jaghmel Carbonaro kien ikollhom jergghu jaghmluh u li l-impjegat ma kellux hegga biex jitghallem meta kien hemm nies li dahlu mieghu li kienu kapaci jinstallaw sistema. Il-problema harget l-aktar meta beda jahdem *full time* . Kienu tawh zmien biex jirranga lilu nnifsu. Kaz minnhom kien jirrigwarda camera li kellha terga' tinqala biex titwahhal ghax ma twahhlitx sew skond ma ddecieda l-manager tieghu Karim Cassar, li eventwalment kien irrakkomanda li johorgu l-*warnings*. Ghalkemm kien dak il-manager li, wara l-apprendistat, kien irrakomanda li l-

impjegat jigi ingaggjat, huwa meta tibda tahdem wahdek li tibda turi kemm inti komptenti jew le fix-xoghol.

**Stefan Carbonaro** xehed li hu qatt ma qabel ma w accetta l-w*arnings* li pero' jammetti li kienu inghatawlu. Hu qal li fl-apprendistat kien gie addestrat fuq *fire alarms* umbaghad kien tpogga fuq *security alarms* wara li gie impjegat *full time*. Kienu ghaddew xi tmin xhur wara li kien beda jahdem *full time* meta rceva l-ewwel *warning* fi Frar, 2002.

**L-appellant** spjega fid-depozizzjoni tieghu li huma jimpjegaw mall-hamsin ruh u qatt ma jiftakar li keccew lil xi hadd. Anzi kull sena jdahhlu qiesu ghaxar studenti w l-bicca l-kbira li jkunu tajbin izmmuhom. Hafna minnhom ukoll ikunu jridu jitilqu. Rari hafna ikollhom disgwid mall-impjegati li tant ghandhom kundizzjonijiet tajbin li mhumiex *unionised. ".We are always looking for the right people u inzommuhom maghna, ghandna nies li ilhom hmistax il-sena"* pero' li f' dan il-kaz meta kienu ddecidew li jzommu lil Carbonaro wara l-periodu tal-apprendistat, forsi kienet ittiehdet decizjoni mghaggla hafna.

Ikkonsidrat;

Illi f' dan l-istat tal-provi jidher li l-appellant ipprova, ghall-inqas sal-grad tal-probabbli mistenni minnu, li t-terminazzjoni tal-impieg in kwistjoni ma saritx b' kapricc imma ghal raguni gusta (*good and sufficient cause).*

Dak li xehed Carbonaro, biex bhallikieku jiskuza l-agir u l-mankanzi tieghu, li kien gie addestrat fuq *fire systems* u meta beda jahdem *full time* tpogga fuq *security systems*, mhux konvincenti bizzejjed biex jannjenta l-prova li gejja mil-fatt li l-kumpanija tatu cans fuq iehor bejn Frar u Lulju, 2002 biex jirranga l-*performance* tieghu w mid-dehra dan ma sewa' ghal xejn.

Fil-kamp penali , ghad-distinzjoni ta' proceduri ohra konnessi ma tkeccija ingusta li jistghu wkoll jinstemghu quddiem it-Tribunal Industriali, fejn il-kwisjoni tal-"*just and sufficient cause"* ghat-tkeccija a' impjegat tista' talvolta tigi

ezaminata aktar fil-fond, il-htija tal-imputat trid tirrizulta *"beyond reasonable doubt"* u sal-grad tac-certezza moral. Ghalhekk f' dan il-kaz gie pruvat mill-imputat zgur sal-grad tal-probabbli rikjest minnu li s-socjeta' tieghu kellha raguni tajba w sufficjenti biex tista' tkecci lill-impjegat u, fil-fehma ta' din il-Qorti, ma giex pruvat li l-impjegat Carbonaro kellu l-impieg tieghu mitmum minghajr raguni tajba w bizzejjed anzi kollox jindika li kien hemm raguni ta' inkompetenza permanenti u ripetuta da parti tal-istess impjegat. Ergo ma jiskattax l-obbligu tal-hlas ta' nofs il-paga kollha li ghaliha Carbonaro kien ikollu jedd kieku baqa' fis-servzz ghall-bqija taz-zmien espressament miftiehem kif jipprovdi l-artikolu 34 (11) tal-Kap.135.

In vista ta' din il-konkluzzjoni li ma giex pruvat ir-reat *per se,* ma hemmx bzonn li din il-Qorti tinvesti l-aggravju l-iehor tal-appellant li jirrigwarda r-responsabbilta' tieghu bhala Direttur.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' dik il-parti tat-tielet aggravju tal-appellant li tghid li l-impjegat kien tkecca ghal raguni tajba u bizzejjed u konsegwentement qed tilqa' l-appell limitatament billi, fil-waqt li tichad it-talba ghar-revoka tas-sentenza *in parte* tat-28 ta' Marzu, 2007, li qed tigi ghalhekk konfermata, tilqa' l-appell fir-rigward tas-sentenza finali tas-6 ta' Gunju, 2007, u tirrevoka din l-ahhar sentenza appellata billi fil-waqt li tiddikjara lill-appellant mhux hati tal-akkuza dedotta kontra tieghu, tilliberah minn kull imputazzjoni, piena u ordni biex jeffettwa hlas lill-impjegat Carbonaro.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------